MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Numru 571/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**vs**
**Nigel Holland**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nigel Holland** ta’ 46 sena, bin Reginald u Marcella nee’ Bencini, mwieled Pieta, residenti 20, Flt 2, Triq Pietro Floriani, Floriana u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 223159(M);

Talli matul ix-xahar ta’ Dicembru, 2004 fil-Furjana bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh tas-Sindku tal-Furjana u cioe’ Publius Agius wegghajtu bi kliem, b’gesti jew b’kitba jew b’disinji

mxandrin jew esposti fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Art 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrisali ghal Dicembru 2004 u l-proceduri inbdew fuq talba ta’ Publius Agius, dakinhar sindku tal-Floriana, wara li fit-triq fil-Floriana kien ra karti mal-art mis-segwenti kliem fuqhom: “PULLU AGIUS, SINDKU BLA FIDUCJA TA’ HADD – HEKK SEW?”.

Minn indagini li ghamlet il-pulizija rrizulta li l-imputat kien responsabbli ghall-istampar u tixrid ta’ dawn il-karti u stante li hu pacifiku li kien l-imputat hekk responsabbli, l-Qorti qed tghaddi minnufih ghall-verzjoni li offra l-imputat stess ghaliex dwar il-fatti ma hemm ebda kontestazzjoni. Dak li hu kontestat huwa kemm dan l-agir jammonta ghar-rejat kif ravvizat fl-artikolu 252 tal-Kap 9;

L-imputat xehed illi ilu kunsilllier tal-Kunsill Lokali Floriana mill-1998. Fl-2004 kien hemm elezzjoni ghall-Kunsill Lokali tal-Floriana u ebda partit ma kien gab maggoranza. Peress li ma kienx intlaqah ftehim dwar min kellu jkun sindku, skond il-ligi, l-aktar kunsillier anzjan okkupa l-kariga ta’ sinkdu ghall-ewwel tlett xhur kif ukoll ghat-tlett xhur sussegwenti. Wara dawn is-sitt xhur, Publius Agius kien elett sindku. Bhala retroxena ghal din l-elezzjoni fi hdan il-Kunsill Lokali, kien hemm xi dibattiti dwar min ghandu jsir sindku. Il-Kunsilliera Brian Zammit u Ivan Hallett kienu ddikjaraw li ma xtaqux jivvutaw ghall-Publius Agius tant li riedu jastjenu milli jivvutaw izda eventwalment dawn ivvutaw ghal Publius Agius. Ivan Hallet iddikjara mal-imputat li kienu ordnati mill-Partit Laburista jivvutaw lill-Publius Agius. Wara l-elezzjoni, l-imputat kien qal lil

Publius Said, li kien kandidat indipendenti, li huwa sindku li ma jgawdi l-fiducja ta’ hadd u dan ghaliex kien hemm minn ma vvutalux u dawk li vvutawlu kienu mgieghla. B’dan l-agir, l-imputat fehem illi l-elezzjoni ghas-sindku kienet deciza minn terzi u cioe’ il-Partit Laburista ghaliex dan ordna liz-zewg kunsilliera li hargu f’isem il-Partit Laburista biex jivvutaw ghall-persuna li kienet ikkontestat bhala indipendenti meta hu stenna li l-elezzjoni kellha tkun wahda hielsa bejn il-kunsilliera u minghajr indhil bhal dan.

L-imputat kien gia esprima din l-opinjoni kif jirrizulta fil-minuti tal-laqgha immedjatament wara l-elezzjoni bejn il-kunsilliera. Id-Dok NHI a fol 98 huwa minuta ta’ laqgha fejn l-imputat huwa registrat li ghadda s-segwenti kumment: “.... Is-Sur Holland qal li huwa jhoss li huwa kien strumentali biex inbiddlu l-affarijiet gewwa l-Kunsill u li skond hu s-Sindku ma jgawdix il-fiducja ta’ ebda Kunsillier ghaliex minn ivvota favur gie imgieghel jaghmel hekk min-nies barra l-kunsill....”. Din il-konvinzjoni kienet ukoll ppublikata fil-fuljett Floriana L-Ewwel. L-imputat iddikjara li kien hu l-awtur tal-karta mertu tal-akkuza u li kien hu stess li qassamha.

L-imputat spjega li ma ghandu l-ebda dubju mill-integrita ta’ Publius Agius bhala persuna izda dak li kiteb fuq il-karta li qassam kien fl-ambitu ta’ dak li kien gara fl-elezzjoni ghas-sindku u li hu deherlu li kellu jinforma bih lill-elettorat tal-Kunsill Lokali tal-Floriana.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-rejati kif ravvizati fl-artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9. Minn ezami ta’ dan ir-rejat, jehtieg li jirrizultaw zewg elementi sabiex tinstab htija. L-artikolu 252(1) jimporta piena ta’ prigunerija ta’ tlett xhur jew multa izda meta l-kitba tkun mxandra jew esposta fil-pubbliku ai termini tas-subinciz (3) tal-istess artikolu, allura l-piena tkun dik ta’ prigunerija ta’ mhux aktar minn sena. Dwar l-element ta’ xandir jew pubblikazzjoni, ma hemmx wisq x’jinghad hlief li l-imputat stess iddikjara illi kien hu li holoq u stampa il-karta bil-kliem in dizamina kif ukoll li kien hu li qassam l-istess fil-lokalita tal-Floriana. Tali agir

indubitament jammonta ghal-xandir jew esposizzjoni fil-pubbliku ta' kitba skond l-artikolu 252(3) tal-Kap 9.

Illi l-agir ta' xandir jew esposizzjoni fil-pubbiku ta' kitba wahdu ma jammontax ghar-rejat in dizamina u sabiex jirnexxi dan ir-rejat jehtieg li jkun akkumpanjat, jew ahjar precedut, bl-*animus injurandi* u senjatament meta l-artikolu jghid: "kull min bil-hsieb li jtellef jew inaqqas mill-gieh ta' xi hadd".

Illi din il-materja kien trattata diversi drabi mill-Qrati taghna u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandiex timxi fuq l-insenjament tal-gurisprudenza recenti. Ghalhekk qed issir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Josianne Bonello App. Kri 16/01/2003, Il-Pulizija vs Charles Camilleri App Kri 6/04/2005, Il-Pulizija vs Joseph Gauci App Kri 3/09/2001 u b'mod partikolari Il-Pulizija vs Rev. Dr.Joseph Bezzina u Joseph Debono App Kri 26/04/2002. L-ewwel insenjament li johrog minn dawn is-sentenzi hu li jekk il-kliem fih innifsu huwa manifestament ingurjuz, l-intenzjoni specifika hija prezunta u jkun jinkombi fuq l-imputat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabilita') li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltragga. Issa, fil-kaz in dizamina, l-imputat stess iddikjara illi huwa ma qalx dak id-diskors biex inaqqas jew itellef l-integrita' tal-kwerelant ghaliex hu ma ghandu ebda dubju mill-integrita tieghu bhala persuna. Dak li ghamel l-imputat kien li jwassal il-messagg li is-sindku ma kienx elett bil-vot hieles tal-kunsilliera ghaliex uhud mill-kunsilliera kienu ordnati jivvutaw favur is-sindku. Huwa evidenti illi il-kliem "Pullu Agius Sindku Bla Fiducja Ta' Hadd! Hekk Sew?" jista' jiftiehem sia kif qal l-imputat kif ukoll li Pullu Agius huwa sindku li m'hu afdat minn hadd u per konsegwenza li ma tistax tafdah. Dak li qal l-imputat f'dan l-istampat jirifletti dak li kien qed jigri fir-rigward tal-karigi tal-Kunsill Lokali tal-Floriana f'dak iz-zmien. Peress li ma kienx intlahaq ftehim bejn il-kunsilliera dwar min kellu jokkupa l-kariga ta' Sindku, din kienet okkupata ghal sitt xhur minn John Mary Brincat. Meta dan irrezenja, kienet msejha elezzjoni bejn il-kunsilliera biex jeligu sindku minn fosthom u l-kwerelant kien elett sindku b'mod li ghall-imputat ma kienx jirifletti process hieles u dan

mhux ghal xi haga attribwibbli ghall-kwerelant izda ghall-ordinijiet li ircevew zewg kunsilliera li vvutaw ghall-kwerelant. Mill-insenjamant tad-decizjonijiet fuq riferiti, jidher li l-ligi thares lejn il-potenzjal u l-konsegwenzi tal-istampat u mhux lejn l-intenzjoni tal-awtur. Issa meta thares lejn il-karta stampata u mqassma mill-imputat, din ma fiha l-ebda spejgazzjoni ghaliex qed jghid hekk fiha. Fix-xhieda tieghu, l-imputat spjega illi dak li qal fl-istampat u dak li kien ilu jghid sia fil-minuti tal-kunsill kif ukoll fil-fuljett tieghu Floriana L-Ewwel. Izda dan il-fuljett minnu esebit igib id-data tas-7 ta' Jannar 2005 filwaqt li l-karta tqassmet f'Dicembru 2004. L-estratt mill-gazetta esebita a fol. 99 hija bla data izda titkellem dwar il-karta in dizamina u ghalhekk iz-zewg pubblikazzjonijiet gew wara li l-imputat qassam din il-karta bil-kliem mertu tal-kwerela. L-imputat, imkien fix-xhieda tieghu, ma allega li l-kwerelant kellu b'xi mod, anke jekk remotament, konnessjoni jew arrangament mal-mod kif ivvutaw ghalih il-membri abbinati mal-Partit Laburista, anzi, pjuttost kien uzat mill-Partit Laburista biex jassigura li l-imputat ma jkunx elett bhala sindku. Huwa plawsibbli li kull minn jara dak id-diskors, b'mod awtomatiku jistaqsi x'ghamel is-sindku biex ma ghandu fiducja ta' hadd. Inoltre il-kliem "hekk sew?" ikompli jippegjora dan il-hsieb ghaliex ilissen f'mohh in-nies il-hsieb li minkejja li dan ma ghandu l-fiducja ta' hadd, xorta ghadu jokkupa l-kariga. L-imputat jghid li dan id-diskors kien gia qalu u huwa registrat fil-minuti tal-kunsill esebiti bhala Dok NH1. Dan jirrizulta, pero, dak id-diskors kien akkumpanjat bi spjegazzjoni u sa dak il-hin kienet affari interna bejn il-kunsilliera: "Is-Sur Nigel Holland qal li huwa jhoss li kien strumentali biex inbiddlu l-affarijiet gewwa l-Kunsill u li skond hu **s-sindku ma jgawdix il-fiducja ta' ebda kunsillier ghalix minn ivvota favur gie imgieghel jaghmel hekk min-nies barra l-Kunsill**" (enfasi tal-Qorti). Meta tkellem fuq il-fiducja o meno dwar is-sindku waqt il-laqgha tal-kunsill, l-imputat ikkwalifika l-kumment tieghu izda meta kiteb dak il-kumment u qassmu fil-pubbliku, dik il-kwalifika ma ghamilhiex. Anzi, huwa kompla jitfa' dell fuq din il-fiducja billi ppuntwalizaha b'sinjal ta' esklamazzjoni (!) Il-pubbliku seta b'hekk jifhem dak li komunement huwa maghruf bil-kelma "fiducja" u meta din tintuza dwar persuna li qed

tokkupa kariga pubblika appena eletta bhala sindku, allura l-awtur jehtieglu joqghod aktar attent ghaliex il-kumment tieghu jista’, kif fil-fatt ghamel, iqajjem dubju dwar l-integrita o meno tas-suggett, aktar u aktar meta l-kliem mhux wiehed car.

Illi l-kliem stampat u mqassam mill-imputat fil-fehma ta’ din il-Qorti jammonta ghall-ingurja kif ravvizata fl-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 u ghal dawn il-mottivi qed issib lill-imputat hati.

Wara li rat l-artikolu 252(1) u (3) tal-Kap 9.

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat. Tenut kont li l-imputat ghandu jkun trattat bhala *first offender* u ghalhekk piena ta’ prigunerija mhix wahda idonea, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------